TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

**Mary Rose Caruana**

**Vs**

**V. Demajo & Bros**

**CCT 194/21/MM**

Illum, 5 ta' Ottubru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat nhar il-15 ta' Novembru, 2021, fejn tablet is-somma ta' tliet mija u hamsin Ewro (€ 350) rapprezentanti prezz ta' washing machine mixtrija minghand l-intimati li allegatament hija difettuza.

Illi l-intimati, minkejja li gew debitament notifikati baqghu ma pprezentaw l-ebda risposta u lanqas biss dehru jikkontestaw il-kawza.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal kellu l-opportunita' sabiex jisma' bil-gurament taghha x-xhieda tar-rikorrenti. Illi jirrizulta ampjament li l-verzjoni taghha ghandha mis-sewwa fejn hija tishaq li din il-magna kienet difettuza, liema verzjoni bl-ebda mod ma giet kontestata.

Ikkunsidra

Illi dan it-Tribunal ghandu s-serhan tal-mohh li fuq bazi ta' probabbilta' m'ghandux jiddubita dak li tallega r-rikorrenti u ghalhekk ser jghaddi sabiex jilqa' t-talbiet taghha.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' tar-rikorrenti b'dan illi l-intimati ghandhom fi zmein gimgha mid-data tas-sentenza jirrifondu lura lill-attrici s-somma ta' Euro 350 bid-dritt taghhom li jiehdu lura l-washing machine.

Bl-ispejjez kontra l-intimati.

**Dr. Martha Mifsud**

**Arbitru**